MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2013

Numru 683/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Brian Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Brian Pace ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Saviour u Miriam neè Agius, imwieled il-Pieta fis-7 ta' Awissu 1978 residenti gewwa Bieb Nru. 3, Flat 1, Triq l-Iskoccizi, Bormla, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 377378(M) talli:

1. Nhar it-18 ta' Lulju 2013, ghal habta ta' bejn il-11p.m. u il-11:30p.m., gewwa Triq Rikkardu Taylor, Bormla, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura tat-tip Mercedes bin-Numru tar-Registrazzjoni

BBR-445 ghad-detriment ta’ Fredrick Dalli u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.40, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, fuq il-vettura tat-tip Mercedes bin-Numru ta’ Regitrazzjoni BBR-445, liema hsarat huma ta' aktar minn €116.47 izda anqas minn €1,164.69, ghad-detriment ta’ Fredrick Dalli u/jew persuni ohra;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi huwa sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi l-Prosekuzzjoni titlob li jigu applikati wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati u li f’kaz ta’ htija jinhareg Ordni ta’ Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta li bih l-imputat jigi pprojbit milli javvicina lil Frederick Dalli.

Rat id-dokumenti esebiti u b’mod partikolari l-istimi li gew esebiti bhala Dok. “BP5”;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-istess akkuzi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li l-oggetti li pprova jisraq ghad li nqalghu mill-vettura xorta gew lura fil-pussess tas-sid. Hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' alcohol u droga u inoltre hadet in konsiderazjoni ukoll is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi fid-dawl tal-fatti kollha appena imsemmija fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, minkejja dak li jirrizulta mill-fedina penali ta' l-imputat, il-piena idoneja tkun li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation, fil-massimu taghha, sabiex il-problemi ta' abbuz ta' alcohol u droga li ghandu l-imputat ikunu jistghu jigu indirizzati ghall-fini li jeghlibhom

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 49, 50, 267, 270, 271(i), 289 u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum u dana skond u taht il-kudizzjonijiet li qed jigu imposti f'Digriet dwar Ordni ta' Probation moghti illum stess. Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet dwar Ordni ta' Probation moghti llum u anness ma' din is-sentenza kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' l-imsemmija kondizzjonijiet jew jekk jaghmel reat iehor waqt il-perijodu ta' Probation, u cioè li f'kaz ta' htija jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Kopja tad-Digriet dwar Ordni ta' Probabtion kif ukoll kopja tas-sentenza ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tal-Probation u l-Parole sabiex jigi nominat Probation Officer li ghandu jsegwi lill-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat jobbliga ruhu b'garanzija idoneja li jzomm il-paci ma' Frederick Dalli u l-bon ordni skond Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza u formanti parti integrali minnha

Ai termini ta’ l-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna lill-imputat sabiex ihallas lil Frederick Dalli s-somma ta’ erbgha mija u hamsin Euro (€450) rapprezentanti hsara kkawzata fil-vettura ta’ l-ghamla Mercedes bin-Numru tar-Registrazzjoni BBR-445 skond kif jirrizulta mill-istima esebita bhala Dok. “BP5”, liema hlas ghandu jigi effettwat fi zmien tliet (3) xhur mill-lum.

In vista ta’ l-ordni li nghata ai termini ta’ l-Artikolu 383 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan l-ammont ghandu jinghata mill-imputat lill-Ispettur Robert Said Sarreo li in segwitu ghandu jghaddihom lil Fredrick Dalli u ghandha tithalla debita ricevuta hekk kif jirceviehom.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------